# JUM INTERNAZZJONALI TAL-FAMILJA

***(Il-Ġimgħa, 15 ta' Mejju)***



It-tiġdid tas-soċjetà jiddependi ħafna mit-tiġdid taż-żwieġ u tal-familja; imma ż-żwieġ u l-familja jiġġeddu jekk il-bniedem jiskopri l-verità kollha tal-proġett t'Alla għalih. Għalhekk, il-familja Nsranija għandha sehem importanti fl-evanġelizzazzjoni l-ġdida li l-Knisja f'pajjiżna hemm bżonn li twettaq.

Illum il-familja Maltija għaddejja minn tensjonijiet qawwija: jekk minn naħa hija esposta għall-proċess ta' sekularizzazzjoni, fl-istess waqt hemm għatx għas-sagru; jekk teżisti konfużjoni dwar dawk li huma mudelli ta' ħajja miżżewġa u tal-familja, hemm ukoll xewqa li wieħed isib mudell sod ta' kif jgħix l-esperjenza tal-imħabba. Għax jgħożżu l-ħajja, dawk li għandhom problemi ta' infertilità jixtiequ gwida etikament tajba kif jaffrontaw din id-dilemma. Min iż-żwieġ tiegħu falla, jixtieq dawl u għajnuna biex ħajtu ma tibqax vojta. Il-familja li għandha piżijiet finanzjarji, tixtieq issib rimedju biex tevita li minħabba x-xogħol tissagrifika l-kwalità tar-relazzjoni fiż-żwieġ.

Din ir-realtà għandha tiġi "evanġelizzata", fis-sens li fid-dawl tal-Evanġelju li "huwa l-qawwa t'Alla għas-salvazzjoni ta' dawk li jemmnu" (Rum 1,16), il-familja ssir forġa ta' valuri u virtujiet, skola ta' umanizzazzjoni u knisja tad-dar. Il-proposta tal-Evanġelju hi urġenti meta wieħed iqis li fis-soċjetà qed jilħqu "duttrini" oħra li jippropagaw għerf miftum minn Alla jew huma motivati mil-ligi tal-profitti, bħalma huwa n-negozju tal-kontraċettivi.

F'din l-evanġelizzazzjoni l-ġdida l-familja trid tkun is-suġġett li jxandar l-evanġelju favur il-ħajja li hija don t'Alla; l-evanġelju tal-ġisem uman li jikxef kemm l-etika sesswali Nisranija fiha messaġġ pożittiv; l-evanġelju tal-komunjoni kontra l-kruha tal-abbandun u l-iżolament; l-evanġelju tas-salib glorjuż li juri l-valur tas-sagrifiċċju fil-ħajja.

Il-familja twettaq din il-missjoni ta' evanġelizzazzjoni billi tiskopri d-diversità ta' ministeri ekkleżjali li hija tista' twettaq f'oqsma partikulari, bħalma huma fl-iskejjel u oqsma edukattivi oħra, mal-għarajjes, ma' familji oħra, u ma' koppji irregolari.

*(Silta minn Diskors li Mons Isqof għamel waqt laqgħa għall-koppji organizzata mill-Grupp Familji Nsara (GRUFAN) fis-Seminarju tal-Virtu', Rabat, Malta (is-Sibt 31 ta' Jannar 2009)*

---

***Mill-Kalendarju Djoċesan:***

*Il-Ġimgħa 15 ta' Mejju:* Jum Internazzjonali tal-Familji (NU)
*Is-Sibt 16 ta' Mejju:* Rally għall-Membri tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi (Manresa - 9am)

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu', id-dielja vera, agħmel li ma nħalli xejn u ħadd jifridni mir-rabta tiegħi miegħek, biex ma nġarrabx il-mewt.

gozopress • 21551534




Il-5 Ħadd tal-Għid • Sena B • L-40 Sena (2093) • 10 ta' Mejju 2009

"Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar. Intom ħa ndaf minħabba l-kelma li għedtilkom. Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn. Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u jinxef; mbagħad, friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu. Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom, itolbu kull ma tridu, u jingħatalkom. Din hi l-glorja ta' Missieri, li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi. (Gw.15, 1-8)



**RIFLESSJONI**

- Kif tħossok fil-Knisja, bħal fergħa ħajja fid-dielja jew fergħa mejta ?.
- Qed tagħmel frott ta' għemejjel tajba li jiġu mir-rabta tiegħi mad-dielja vera li hu Kristu ?.
- Taċċetta ż-żabra mid-difetti tal-ħajja biex dejjem tagħmel aktar frott u frott bnin?.
- Nagħmel li l-Kelma ta' Alla hija mezz qawwi biex jien nissaffa minn dak kollu li jfixkilni milli nagħmel il-frott ?.
- Qatt ħsibt li maqtugħ minn Kristu ma nistax nagħmel ebda ġid ?.